MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 638/2001/1

**Andre` Scerri f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Andre` Scerri Enterprises Limited.**

**vs.**

**Lloyd's (Malta) Limited fil-kwalita` taghha ta' rapprezentanta *ex lege u* ghalhekk a nom tal-membri ta' Llyods li flimkien jiffurmaw id-ditta assikurattrici, ossia sindikati li jgibu n-numri 861, 1242, 672, 205, 219, 40, 79, 1212, 1207, 991, 1141 u 990, liema sindakati joperaw taht l-isem Fenici Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti ta' l-istess ditta ossia sindikati u dan kif l-istess atti gew korretti b'digriet datat 2 ta' Ottubru 2001.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 18 ta’ April 2001 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici hija assikurata mas-socjeta` konvenuta permezz ta’ polza tat-tip *“Business Line”* mahruga fit-18 ta’ Awissu 2000 biex tkopri spizerija veterinarja u zewg imhazen adjacenti f’ 119, Triq Edgar Bernard, Gzira bil-kontenut ta’ go fihom li jikkonsisti f’medicini u prodotti ohra illi ghandhom x’jaqsmu ma’ l-annimali (Dok. “AS1”).

Illi f’wiehed mill-imhazen adjacenti kien hemm kunsenja ta’ ikel ta’ l-annimali maghrufa bhala ‘qanneb’ (*Hemp Seed*);

Illi xi gimghat qabel ma nharget il-polza u bhala kundizzjoni tal-hrug ta’ l-istess, is-socjeta` assikurattrici konvenuta kienet, bhala kundizzjoni qabel ma tiehu d-decizjoni taccettax li tassikura lis-socjeta` attrici *o meno*, ordnat li jsir *survey* ta’ l-imhazen f’119, Triq Edgar Bernard, Gzira fejn is-*surveyors* ta’ l-istess socjeta` konvenuta kienu marru fuq il-post sabiex jispezzjonaw l-imsemmija mhazen u l-i*stock* li kien stivat gewwa fihom;

Illi wara li sar is-*survey* in kwistjoni minn *surveyor* ta’ xelta ta’ l-istess socjeta` konvenuta, is-socjeta` konvenuta accettat li tohrog il-polza ta’ assikurazzjoni in kwistjoni li biha kopriet lis-socjeta` attrici taht il-kundizzjonijiet ta’ l-istess polza (Dok. “AS2”);

Illi fid-29 ta’ Settembru 2000 wara li xi klijenti tas-socjeta` attrici kienu xtraw diversi xkejjer tal-qanneb jumejn jew tlett ijiem qabel, kienu rritornaw dawn l-ixkejjer lura lis-socjeta` attrici ghaliex il-kontenut taghhom kien mar billi kien immoffa kagun ta’ tixrib u/jew umdita`, kollox kif jigi spjegat aktar fid-dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi, wara li saru dawn l-ilmenti, Andre` Scerri ghamel indagni fuq il-mahzen fejn skopra illi l-hajt ta’ wara tal-mahzen kien imxarrab u kien hemm diversi tbajja ta’

umdita` u/jew perkolazzjoni ta' ilma kemm mal-hajt kif ukoll ma' l-art, fuq u fl-istess xkejjer tal-qanneb stivati fuq xulxin;

Illi Andre` Scerri ssottometta pretenzjoni mas-socjeta` assikurattrici konvenuta ghar-risarciment tad-danni subiti billi ghamel *claim* a bazi ta' l-imsemmija polza liema kienet tkopri l-hsarat subiti (Dok. "AS3");

Illi s-socjeta` assikurattrici wara illi kienet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammonti tal-*claim* naqqset milli taghmel dan anzi addirittura naqqset li tilqa' il-*claim* u thallas ghad-danni subiti mis-socjeta` attrici (Dok. "AS4");

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-hsarat ikkagunati fuq l-ixkejjer tal-qanneb stivati fil-mahzen imsemmi kien rizultat ta' riskju kkontemplat u kopert mill-polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` konvenuta a favur tas-socjeta` attrici u li konsegwentement is-socjeta` konvenuta hija, *a tenur* ta' l-istess polza, tenuta li taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici fl-ammont ta' Lm13,951.25 jew kwalunkwe somma ohra li tigi likwidata jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici bhala konsegwenza tat-tixrib u/jew umdita' u/jew immuffar fil-merkanzija assikurattrici fis-somma fuq imsemmija ta' Lm13,951.25 (€ 32497.67) jew kwalunkwe somma verjuri li tigi llikwidata kif fuq intqal;

3. Konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lil dik attrici *in linea* ta' danni dik is-somma jew is-somma li tigi llikwidata kif fuq intqal.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-29 ta' Settembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni tas-socjeta` konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti Dok. “AS 1” sa Dok. “AS 5” esebiti a fol. 5 sa fol. 39 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef ghas-seduta tat-30 ta’ Mejju 2001.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Lloyds Malta Limited datata 28 ta’ Mejju 2001 a fol. 44 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok, *in linea* preliminari, ic-citazzjoni *de quo* hija nulla u bla effett in kwantu d-dikjarazzjoni maghha annessa ma tidhirx li hija guramentata skond kif rikjest mil-Ligi u ghalhekk is-socjeta` eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, salv kull korrezzjoni jew att sanatorju iehor li jkunu jistghu jinghataw.

2. Illi ulterjorment, ukoll *in linea* preliminari, is-socjeta` konvenuta kif imharrka ma hijiex il-legittimu kontradittur fil-kaz *de quo* u f’ kull kaz hemm lok ta’ korrezzjoni fis-sens illi l-attur *pro et nomine* jrid jottempora ruhu mal-provedimenti relattivi ta’ l-*Insurance Business Act* relattivament ghall-kapacita` ta’ *General Representative* ta’ l-*Underwriters at Lloyds* li ghandha s-socjeta` eccipjenti, u dan ukoll ghal dak li jirrigwarda t-termini relattivi ghall-identifikazzjoni ta’ l-*Underwriters* koncernati.

3. Illi fit-tieni lok, fil-meritu, il-hsarat imsemmija fic-Citazzjoni ma humiex kontemplati u koperti mill-polza ta’ assikurazzjoni mahruga fuqha, u ma jirrientrawx ghalhekk fir-riskji koperti mill-polza *de quo*, l-anqas dawk espressament imsemmija fit-tmiem paragrafu tad-dikjarazzjoni relattiva, u dan kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza – effettivament is-socjeta` attrici l-anqas hi ma qieghda ssemmi taht liema sezzjoni tal-polza *de quo* hija qieghda tippretendi hlas jew kopertura;

4. Illi ulterjorment ukoll jidher illi l-hsarat imsemmija mill-istess socjeta` attrici kienu, min-natura stess taghhom, bil-fors twieldu precedentement ghall-hrug tal-polza *de quo* u kienu ghalhekk originati fi zmien meta tali polza l-anqas biss ma kienet ghadha vigenti;

5. Illi konsegwentement ma hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tas-socjeta` eccipjenti;

6. Illi konsegwentement ukoll it-tielet talba attrici in kwantu diretta lejn is-socjeta` eccipjenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u flimkien mat-talbiet l-ohra ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda bid-dokumenti annessi tas-socjeta` konvenuta minn Dok. "FEN 1" sa Dok. "FEN 3" a fol. 46 sa fol. 67 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef datati 30 ta' Mejju 2001 u 4 ta' Ottubru 2001.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta datata 10 ta' Lulju 2001 (fol. 70) u d-dokumenti hemm esebiti minn Dok. "SN1" sa Dok. "SN12" sa fol. 116 tal-process

Rat ir-rikors ta' l-atturi datat l-1 ta' Ottubru 2001 (fol. 117) fejn l-esponenti talbu li l-Qorti joghgobha tissostitwixxi s-socjeta` Lloyds Malta Limited mas-segwenti u cioe` "Llyods Malta Limited fil-kwalita` taghha ta' rapprezentanza *ex lege* u ghalhekk a nom tal-membri ta' Lloyds li flimkien jiffurmaw id-ditta assikurattrici, ossia sindikati li jgibu n-numri 861, 1242, 672, 205, 219, 40, 79, 1212, 1207, 991, 1141 u 990, liema sindakati joperaw taht l-isem Fenici Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti ta' l-istess ditta ossia sindakati"; u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef, b'digriet moghti fit-2 ta' Ottubru 2001, laqghet it-talba u ordnat li l-atti tal-kawza jigu korretti skond kif mehtieg.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-15 ta’ Jannar 2002 u tat-13 ta’ Marzu 2002.

Rat ix-xhieda ta’ Andre’ Scerri datata 15 ta’ Jannar 2002 u kontro-ezami datat 6 ta’ Frar 2004 u 10 ta’ Marzu 2004 u d-Dok. “X1” sa “X3”; l-affidavit ta’ Franco Montesin datat 15 ta’ Frar 2002 u l-kontro-ezami tieghu datat 6 ta’ Frar 2004; l-affidavit ta’ Andre’ Schembri datat 13 ta’ Gunju 2002 (fol. 146) u d-dokumenti hemm esebiti bhala Dok. “1” sa Dok. “12”; l-affidavit ta’ Ronald Said datat 23 ta’ Mejju 2003) u l-kontro-ezami tieghu datat 3 ta’ Dicembru 2004; affidavit ta’ Joseph Perici Calascione datat 20 ta’ Marzu 2003 u d-dokumenti hemm annessi bhala Dok. “JPC1” sa Dok. “JPC 3.5” (fol. 180 sa fol. 189) u l-kontro-ezami tieghu datat 3 ta’ Dicembru 2004; ix-xhieda ta’ David Curmi datata 2 ta’ Lulju 2003 u d-Dok. “XY 1” u “XY2” a fol. 194 u 203 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-28 ta’ Gunju 2002 quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datati 12 ta’ Frar 2003; 21 ta’ Marzu 2003; 20 ta’ Mejju 2003; 2 ta’ Lulju 2003; 21 ta’ Novembru 2003; 6 ta’ Frar 2004; 10 ta’ Marzu 2004; 28 ta’ April 2004; 8 ta’ Gunju 2004; 20 ta’ Ottubru 2004; 3 ta’ Dicembru 2004; 15 ta’ Frar 2005; 8 ta’ Marzu 2005 fejn gie nominat l-Profs. Victor Axiaq bhala Espert Tekniku biex wara li jezamina z-zerriegha jixhed dwar il-karatteristici taghha u jaghmel l-osservazzjonijiet opportuni a spejjez ta’ l-atturi. Il-kawza giet differita ghat-22 ta’ April 2005 ghar-rapport; 22 ta’ April 2005; 22 ta’ Gunju 2005 fejn l-espert tekniku halef ir-relazzjoni u tad-9 ta’ Novembru 2005.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Dottor Ramona Frendo u Dottor Rachel Loparto Montebello datata 28 ta’ Settembru 2004 (fol. 256) li permezz taghha rrinunzjaw ghall-patrocinju tas-socjeta` konvenuta, b’kull riserva ghall-hlas tad-drittijiet professjonali dovuti.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku l-Professur Victor Axiak ipprezentat fl-20 ta' April 2005 u mahluf *seduta stante* fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2005.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-31 ta' Jannar 2006; 29 ta' Marzu 2006; 25 ta' Mejju 2006; u tat-2 ta' Mejju 2007 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lill-atturi biex jipprezentaw in-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom tletin (30) gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tas-socjeta` konvenuta jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-atturi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2007.

Rat n-nota ta' osservazzjonijiet attrici datata 5 ta' Lulju 2007 u dik tal-konvenuti datata 6 ta' Awissu 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza tikkoncerna kwistjoni dwar kuntratt ta' assigurazzjoni. Mill-provi u dokumenti prodotti rrizultaw li s-socjeta' attrici kienet assigurata mas-socjeta' Citadel Insurance. Andre' Scerri, ghall-habta ta' Awissu tas-sena 2000, gie avvicinat minn certu Ronald Said, li kien rapprezentant tal-Fenici Insurance Agency Ltd, sabiex ihajru biex jaghmel polza ta' assigurazzjoni mal-Fenici Insurance Agency Limited minflok mas-socjeta' li kellu.

Illi Andre' Scerri wera nteress ghal dan. Ronald Said infurmah li qabel ma seta' jikkwotalu l-*premium,* kien

jehtieg li jaccedi fuq il-post cioe' l-hanut u l-garaxxijiet fejn jistiva l-istokk tal-qanneb, il-medicini u apparat iehor konness mal-ispizerija veterinarja tieghu. Infatti Ronald Said flimkien ma' rapprezentanta ohra tas-socjeta' assikurattrici, Jacqueline Baldacchino, accedew fuq il-post u ghamlu *site inspection* u wara harget polza ta' assikurazzjoni li kienet valida mit-18 ta' Awissu 2000 sas-17 ta' Awissu 2001.

Illi jirrizulta li *'total sum insured'* kienet *'(a) Buildings Lm64,800, (b) Content Lm68,000 of which Lm40,000 is in respect of Stocks at Vet Medic Pharmacy and two adjacent garages'.*

Illi jirrizulta li f'wiehed minn dawn il-garaxxijiet kien hemm *stock* ta' *circa* hames mitt (500) xkora ta' hamsa u ghoxrin (25) kilogramma-il wahda ta' qanneb (*hemp seed)* li huwa ikel ghall-ghasafar, u dan wara li s-socjeta' attrici kienet impurtat dan il-qanneb f'Dicembru 1999 u stivat din il-konsenja f'wiehed minn dawn il-garaxxijiet.

Illi fid-29 ta' Settembru 2000 gie allegat li mitt xkora qanneb li kienet giet mibjugha mis-socjeta' attrici lill-klijent taghha giet ritornata lilha peress illi sostnew li din kienet immuffata u ghalhekk l-ghasafar ma kienux qed jieklu minnha. Kif sar jaf dan l-attur ghan-nom tas-socjeta' attrici mar ghand il-Fenici Insurance Agency Ltd biex jaghmel *claim.* Huwa qalilhom li kien immuffalu x-xoghol li kellu fil-garaxx assikurat u li probabbilment dan kien kagun tax-xita li kienet ghamlet xi gimghatejn jew tliet gimghat qabel.

Illi s-socjeta' konvenuta qabdet *loss adjustor,* David Curmi, li acceda fuq il-post dakinhar li saret il-*claim* u hejja rapport datat l-1 ta' Novembru 2000 u ta parir li l-*claim* kellha tigi rigettata peress li:-

*'1. The alleged damage could not be related to a particular event and to an Insured Peril covered by the terms of your Policy. Considering that the policies with Fenici Insurance Agency Limited were taken out only four weeks before the notification of this claim, the alleged damage could not have been caused during such a short*

*period of time. This also applies to the condition of the internal back wall which could not have developed over a four week period.*

*2. It is certain that the alleged damage occurred over a considerable period of time which does not however coincide with the Period of Insurance of your current Policy with Fenici Insurance Agency Limited'.*

Illi a bazi ta' dan ir-rapport s-socjeta' konvenuta b'ittra datata 3 ta' Jannar 2001 konsistenti f'*repudiation letter* iffirmata minn David Curmi ghal D.G. Curmi & Associates (Dok. "FN5") irrifjutat li taccetta l-istess *claim* proprju ghaliex qaghdet fuq dan ir-rapport u fil-fatt addottat l-istess ragunijiet fuq indikati.

Illi fit-2 ta' Ottubru 2001 il-Perit Franco Montesin, imqabbad mis-socjeta' attrici, acceda fil-garaxx in kwistjoni li xehed dwaru b'affidavit datat 15 ta' Frar 2002 fejn sostna li huwa spezjona l-garaxx numru 7, f'119 Edgar Bernard Street, Gzira u sab li fuq in-naha ta' wara ta' l-istess garaxx kien hemm sinjali ta' carcir frisk ta' ilma u dbabar ta' umdita' kagunati minn dak li sejjah bhala ngress ta' ilma, li kien jikkoncidi mal-livel tas-saqaf tal-*washroom* tal-binja adjacenti, u dan kien rizultat ta' tigmiegh ta' ilma peress li l-katusa li tiehu dan l-ilma mis-saqaf tal-fond adjecenti ghal gol gnien ta' l-istess fond kienet imblukkata minn bicciet ta' frieghi ta' pjanta li tixxeblek fil-gnien ta' l-istess fond, qal li hemm fuq is-saqaf tal-*washroom* ta' dan il-fond adjecenti zewg tankijiet ta' l-ilma u l-fili tal-hajt kienu imbuzzati 'l barra u fi bnadi adirittura neqsin u b'hekk ikkonkluda li l-ingress kien qawwi u li kien hemm sinjali ta' umdita' mal-hajt.

Illi fl-istess rapport datat 11 ta' Frar 2002 (fol. 141) huwa qal li:-

*"There is a clear evidence that the ingress of the water is the result of water accumulating after rainfall and finding its way, through seepage, into the party wall. The roof drain of the third party premises is partially blocked with overgrown creepers. The premises are completely*

*abandoned. In our professional opinion, immediate action should be taken to stop the ingress of water. We estimate the damages caused so far to about fifty liri (Lm50) exclusive of remedial works necessary from the third party side of the wall"*

Illi s-socjeta' konvenuta resqet diversi eccezzjonijiet, l-ewwel tnejn ta' natura preliminari u ghalhekk l-ewwel ma hija ser taghmel din il-Qorti hija li tistharreg l-istess. Jidher qabel xejn li t-tieni eccezzjoni giet sorvolata minhabba li nghata digriet tal-Qorti datat 2 ta' Ottubru 2001.

Illi fl-ewwel eccezjoni s-socjeta' konvenuta eccepiet in-nullita' tac-citazzjoni in kwantu d-dikjarazzjoni maghha annessa ma tidhirx li hija guramentata skond kif rikjest mil-ligi u ghalhekk is-socjeta' eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, salv kull korrezzjoni jew att sanatorju iehor li jkunu jistghu jinghataw.

Illi dwar din l-eccezzjoni jinghad li ma giex specifikat ezattament fiex jikkonsisti l-allegat nuqqas. Ma jidhirx lanqas li s-socjeta' konvenuta qed tinsisti wisq dwar din l-eccezzjoni ghaliex ma ngabux provi dwarha u lanqas biss issemmiet fin-nota ta' ossevazzjonijiet, izda min-naha l-ohra l-istess eccezzjoni ma giet bl-ebda mod irtirata.

Illi ghalhekk sabiex tigi ezaminata l-istess din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Alfred Vella et vs Agostino Camilleri"** (P.A. (FGC) – 21 ta' Frar 1997) fejn inghad li n-nullita' ta' l-atti gudizzjali hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta' citazzjoni ghandu jkun imwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi. F'dak il-kaz l-attur iddikjara bil-gurament il-fatti meta ma kienx jaf bihom personalment u l-Qorti dehrilha li dan in-nuqqas ma jwassalx ghan-nullita'. Din il-Qorti, anki fil-kaz odjern, ma tarax xi rregolarita' u dan ghaliex jidher li l-istess dikjarazzjoni tidher li giet debitament mahlufa minn Andre' Schembri li huwa attur u wkoll rappresentant tas-socjeta' attrici u apparti dan huwa evidenti wkoll li s-

socjeta' konvenuta ma soffriet l-ebda pregudizzju ghaliex kienet f'posizzjoni li tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha. B'hekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi kif inghad din il-kawza titratta dwar *claim* li saret wara polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' konvenuta favur is-socjeta' attrici u huwa relevanti li jinghad li dwar in-natura ta' kuntratt ta' assikurazzjoni din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **"Raymond Borg vs Fogg Ltd noe"** (P.A. (RCP – 30 ta' Ottubru 2003 - Cit.Nru: 286/1996/RCP) fejn inghad li kif gie deciz fil-kawza **"Degiorgio vs Agius"**, deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Gunju, 1962 (Vol XLVI.II.656) intqal li dan *"il-kuntratt ta' assikurazzjoni hu meqjus bhala wiehed tal-aqwa bona fede, u l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalji li jigu mistoqsija lilu espressament fil-proposal forms; anzi hu generalment ritenut li l-proponent hu fid-dmir li jsemmi kull fatt li ragjonevolment ghandu jhoss li hu rilevanti ghall-assikuratur li jkun jaf, u dan anke' jekk ma jkunx mistoqsi".*

Illi fis-sentenza **"Marco Tanti vs O.F.Gollcher & Sons Limited noe"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 - Cit. Nru 907/96/RCP) dan kollu gie re-affermat tant li nghad li:-

*"The contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as uberimae fidei that is, of the utmost good faith. As a result, the potential parties to it are bound to volunteer to each other before the contract is concluded information that is material"… … … … The basis effect of this duty can be stated quite simply. An applicant for insurance is under a duty to disclose to the insurer, prior to the conclusion of the contract, but only up to this date, all material facts within his knowledge, which the latter does not or is deemed not to know. A failure to disclose, however innocent, entitles the insurer to avoid the contract ab initio, and upon avoidance it is deemed never to have existed. The insurer must avoid within a reasonable time of becoming aware of the non-disclosure. The duty arises whenever a fresh contract is concluded, and most importantly, this includes upon a renewal of any contract except that of life insurance."* **(Birds' Modern**

**Insurance Law –** pg 101 – 102). **“Dr. Gerald Montanaro Gauci vs Alex Agius Cesareo et”** (P.A. (RCP) 31 ta’ Jannar 2002); **“Anthony Vassallo vs Alfred S. Azzopardi nomine”** (P.A. (NA) 21 ta’ April 1999)”.

Illi mbaghad fis-sentenza **“Joseph Rizzo vs John Formosa noe”** (P.A. (TM) 3 ta’ Ottubru 2002 - Cit. Nru: 640/93/TM) ukoll inghad li kuntratt ta’ assikurazzjoni hu kuntratt *uberimae fidei* u dan il-principju hu accettat mill-awturi u gurisprudenza in materja. Il-Qorti kompliet tghid li:-

*“Kuntratt t’assikurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura, u kwindi, hu mistenni li min jitlob assikurazzjoni jkun onest maghha u jaghtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti ghall-kaz. Hekk, fil-kawza* ***“Rozanes vs Bowen”****, (1928) il-Qorti Ngliza osservat li:- “It has been for centuries in England the law in connection with insurance of all sorts, that as the underwriter knows nothing and the man who comes to him to ask him to ensure knows everything, it is the duty of the assured, the man who desires to have a policy, to make a full disclosure to the underwriters, without being asked, of all the material circumstances. … That is expressed by saying that it is a contract of the utmost good faith”. Fil-kawza* ***“Greenhill vs Federal Insurance Co Ltd”****, (1927) rega’ ntqal li:- “Now, insurance is a contract of the utmost good faith, and it is of the gravest importance to commerce that the position should be observed. The underwriter knows nothing of the particular circumstances of the voyage to be insured. The assured knows a great deal, and it is the duty of the assured to inform the underwriter of everything that he has not taken as knowing, so that the contract may be entered with an equal footing”. Dan il-principju gie emfasizzat fl-****EEC Council Directive tal-1977****, ghalkemm, f’dik id-direttiva, gie suggerit li l-obbligu tal-assikurat huwa ezawrit meta jirrispondi onestament id-domandi li jkun hemm fil-polza, minghajr htiega li jzid aktar”.*

Illi dawn il-principji, kif inghad, huma anke accettati mill-Qrati taghna. Hekk, fil-kawza **“Camilleri noe vs Bartolo”,**

deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-22 ta’ Marzu 1982, polza ta’ assikurazzjoni giet invalidata meta rrizulta li l-assikurat ma kienx informa lill-kumpanija assikurattrici li kien ghamel *claims* ohra qabel ma avvicina l-assikurazzjoni. Gie ribadit il-principju li kull fatt materjali ghandu jigi ndikat, u fatt materjali gie deskritt bhala *“fatt ta’ xorta tali li jinfluwenza d-decizjoni ta’ assiguratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju”.*

Illi l-istess principju gie ribadit dan l-ahhar minn din l-istess Qorti fil-kawza **“Muscat vs Gasan Insurance Agency Limited”** deciza fit-2 ta’ Marzu 1998, u fil-kawza **“Parnis vs Fava”** deciza fis-26 ta’ Ottubru 2001, u **“Joseph Mamo vs Joseph Grech et noe”** (P.A. (TM) 3 ta’ Ottubru 2002 - Cit. Nru : 108/93/TM).

Illi fis-sentenza *supra citata* ta’ **“Marco Tanti vs O.F. Gollcher & Sons Limited noe”** gie kkwotat il-kaz ta’ **“Carter vs Boehm”** (1766 3 Burr 1905 at 1909) meta ***Lord Mansfield*** spjega li:-

*“Insurance is a contract upon speculation. The special facts, upon which the contingent chance is to be computed, lie mostly in the knowledge of the insured only: the underwriter trusts to his representation and proceeds upon the confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the underwriter into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him to estimate the risk as if it did not exist”.*

Illi l-Qorti kompliet:-

*“Illi rigward dak li huwa materjali ghall-finijiet tal-hrug tal-polza, apparti li din il-Qorti thoss li ovvjament l-informazzjoni rikjesta fil-proposal form ghandha titqies li hija dejjem materjali, stante l-importanza anke jekk soggettiva li l-istess assiguratur ikun qed jaghti lil tali dettal jew domanda, ghaliex altrimenti kieku ma jkunx inkludiha fl-istess proposal form, pero’ oggettivament gie stabbilit li “a fact is material for the purposes of both non-disclosure and misrepresentation if it is one which would influence the judgement of a reasonable or prudent*

*insurer in deciding whether or not accept the risk or what premium to charge or possibly, whether to impose particular terms in the contracts such as exclusion or an excess".* **(Birds' Modern Insurance Law –** pg.100 – **Law Commission Report No**. **104** para.4.48). *Gie affermat ukoll il-principju li l-kwistjoni dwar il-materjalita' hija kwistjoni ta' fatt* ***(Glicksman vs Lancashire and General Assurance Co. Ltd. (1927 A.C. 139)****.*

Illi rigward ta' x'inhu meqjus materjali l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza **"Salvu Briffa vs Walter Camilleri noe"** (A.C. 9 ta' Frar 2001) qalet li gie ritenut li:-

*"In general the wide ranging nature of this duty of disclosure, which has been prevailing in insurance contracts in England, has been the subject of severe academic criticism for a long time. This doctrine of duty of disclosure in insurance contracts, has been regarding as rigid, inflexible and out of date. The expression 'contracts uberimmae fidei' has been too frequently and almost indiscriminately used by insurers and judges as an excuse for ignoring insurance claims. Consequently, the insured's duty of disclosure of material facts becomes one of the most onerous burdens on the insured in insurance contracts" (****Semin Park – The Duty of Disclosure in Insurance Contract Law*** *(1996) p.68). Indubbjament pero' u minghajr ebda rizerva 'the fact that the proposer has suffered losses of cars on previous occasions has been held to be material.' (****Fire and Motor Insurance Ivamy*** *3rd edition, (1978)p.203)."* Fl-istess sens hija l-kawza fl-ismijiet **"Joseph Mamo vs Joseph Grech et nomine"** (P.A. (TM) – 3 ta' Ottubru 2002); **"Alfred Parnis et vs Stephen Fava et nomine"** (P.A. (DS) – 26 ta' Ottubru 2001).

Illi ta' min isemmi wkoll is-sentenza fl-ismijiet **"Salvatore Sammut vs Middle Sea Insurance p.l.c."** (App. Civ Nru: 1188/00 – 14 ta' Mejju 2004) fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet:-

*"Polza ta' assikurazzjoni tohloq relazzjoni bilaterali bejn il-kontraenti fejn, in konsiderazzjoni tal-hlas ta' premium*

*mill-assikurat lis-socjeta' assikurattrici, dik l-istess socjeta' tintrabat li tindenizza lill-assikurat taghha fl-eventwalita' li dan isofri xi telf bhala rizultat ta' event dannuz kopert bl-istess polza ta' assikurazzjoni. L-element principali f'dan it-tip ta' kuntratt huwa r-riskju, liema riskju tassumieh s-socjeta' assikurattrici. F'dan is-sens, ghalhekk, dan huwa kuntratt bilaterali b'titolu oneruz in kwantu l-kontraenti jirregolaw l-obbligazzjonijiet ta' bejniethom billi bil-hlas ta' premium da parti tal-assikurat tiskatta l-obbligazzjoni ta' indennizz da parti tas-socjeta' assikurattrici. In kwantu polza ta' assikurazzjoni hija kuntratt jehtieg li jigu sodisfatti r-rekwiziti generali tal-kuntratti u cioe' li l-kontraenti jkunu kapaci jikkuntrattaw u li jaghtu l-kunsens taghhom. Inoltre' l-oggett tal-kuntratt jrid ikun determinat u lecitu".*

*"Kif inghad hawn fuq bil-hrug tal-polza ta' assikurazzjoni s-socjeta' assikurattrici tassumi l-obbligu li tindenizza lill-assikurat taghha ghall-event futur dannuz. Din l-obbligazzjoni ghalhekk hija wahda kazwali billi taghmel l-obbligazzjoni tiddependi minn grajja ta' bla hsieb li ma tkunx fis-setgha la tad-debitur u lanqas tal-kreditur (Art.1053 (1), Kodici Civili). Minhabba l-incertezza insita f'dan il-kuntratt huwa mehtieg grad gholi ta' bona fede u partikolarment da parti ta' min ikun talab il-hrug tal-polza. Dan billi b'dak il-mod biss is-socjeta' assikurattrici tista' issir konsapevoli mic-cirkostanzi kollha insiti fir-riskju sabiex taghzel li tiehu dak ir-riskju kif ukoll tistabbilixxi 'premium' adegwat. Din il-bona fede tiddistingwi dan il-kuntratt bhala wiehed ta' uberrima fides hija mehtiega f'kull tip ta' polza ta' assikurazzjoni …,"*

Illi fis-sentenza **"Salvu Briffa vs Walter Camilleri nomine"** (A.C. – 9 ta' Frar 2001) inghad li:-

*"Gie wkoll ritenut illi "il-Qorti tifhem li huwa obbligu tal-persuna li tkun qed tinnegozja biex tidhol f'kuntratt ta' assigurazzjoni li taghti l-informazzjoni kollha sostanzjali u rilevanti dwar il-history taghha bhala s-suggett ta' assigurazzjoni, meta jkun car li tali nformazzjoni tista' b'xi mod tinfluwenza d-decizjoni tad-ditta assikurattrici fl-ghoti tal-polza. L-istess kif id-ditta assikurattrici hi obbligata tinforma lill-klijent bil-limitazzjonijiet u restrizzjonijiet li l-*

*polza li tkun ser tinhargilha jkollha. Dan ghaliex il-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa wiehed ta' uberimae fidae u l-kontraenti ghandhom ikunu bil-massima bona fede meta jiffirmawh".*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **"Marco Tanti vs O.F. Gollcher & Sons Limited noe"** (A. C. – 6 ta' April 2006 - App Civ Nru: 907/1996/) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet li l-principju tal-*massima buona fede* li jirregola l-kuntratt ta' l-assigurazzjoni ma huwiex obbligu li jorbot biss lill-assigurat izda similment jorbot ukoll lill-assiguratur. Ma jista jkun hemm l-ebda dubju li hu obbligu tal-persuna li tkun qieghda titlob biex tidhol f'kuntratt ta' assigurazzjoni li taghti dik l-informazzjoni kollha sostanzjali u rilevanti biex id-ditta assikurattrici tkun tista' tasal ghall-gudizzju lluminat dwar jekk ghandhiex tidhol ghall-kuntratt ta' assigurazzjoni jew le. Madankollu, l-istess ditta assigurattrici ghandha wkoll obbligu jekk il-proponent taghha evidentement ihalli barra nformazzjoni li hija mitluba specifikatament fil-*Proposal Form,* hija ghandha l-obbligu wkoll li tinforma lill-klijent b'dan u ghandha titlob il-kjarifiki li jkun hemm bzonn. Similment ghandha wkoll l-obbligu li tinforma lill-klijent taghha bil-limitazzjonijiet u r-restrizzjonijiet kollha li se jkun hemm fil-polza li tkun se tinhareg. Dan ghaliex jekk il-kuntratti kollha ghandhom jigu esegwiti bil-*buona fede*, il-kuntratt ta' l-assigurazzjoni jirrikjedi aktar minn hekk ghaliex huwa meqjus wiehed ta' *uberrimae fidae* u ghalhekk il-partijiet kontraenti ghandhom it-tnejn jimxu fil-konfront ta' xulxin bil-massima buona fede meta jikkontrattawh.

Illi fil-fatt jirrizulta ghalhekk li l-obbligu ta' *bona fede* japplika ghaz-zewg partijiet u din is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkonfermat li s-socjeta' assikurattrici hija wkoll marbuta b'dan il-principju ta' *uberima fides* u b'hekk l-imgieba tas-socjeta' assikurattrici ma ghandhiex tkun li twaqqa' dan il-principju minn wiehed ta' *bona fides* ghal wiehed purament mekkaniku li l-assikuratur jinqeda bih biex jehles mill-obbligazzjonijiet tieghu taht il-polza, u dan iktar u iktar meta l-informazzjoni li tkun giet rikjesta mill-assikurat setghet facilment ingabret mill-istess socjeta' (**"Gordon Borda vs. Elmo Insurance**

**Agency Limited nomine”** (P.A. (GCD) – 25 ta’ Mejju 2004) u **“Bertu Camilleri et vs Harold Bartoli et nomine”** (P.A. (TM) - 9 ta’ Ottubru 2003); **“Mario Mizzi nomine et vs. Mario Grech et nomine”** (P.A. (PS) – 3 ta’ Ottubru 2003); **“Joseph Rizzo vs John Formosa nomine et”** (P.A. (TM) – 3 ta’ Ottubru 2002).

Illi l-istess gie tenut fil-kawza fl-ismijiet **“Giuseppe Costanzo vs Laferla Insurance Agency Limited nomine”** (P.A. (RCP) – 30 ta’ Mejju 2002) fejn inghad:-

*“Illi dan l-obbligu ta’ uberrimae fidae japplika bl-istess insistenza kemm ghall-assikurat u kemm ghas-socjeta’ assikurattrici tant li l-istess* ***John Birds and Norma J. Hird*** *jikkontendu li “it has long been said that the requirement of utmost good faith applies to both parties to the insurance contract, in as much that it imposes a duty of disclosure on the insurer as much as on the insured”.* **(Bird’s Modern Insurance Law –** pg. 128).

Illi jidher li l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta’ konvenuta huma bazikament li hija qed teccepixxi li d-danni li gew offerti mis-socjeta’ attrici ma humiex koperti taht il-polza ta’ assikurazzjoni kemm ghaliex ma jaqghux taht xi wahda mir-riskji li gew indikati taht l-istess polza u wkoll ghaliex gie ndikat li d-danni gew ikkawzati f’xi zmien qabel ma bdiet topera din il-polza u dan jirrizulta min-natura ta’ l-stess hsara sofferta, li tindika li bilfors dawn twieldu precedentement ghall-hrug tal-polza u kienu ghalhekk bdew fi zmien meta tali polza ma kenitx ghadha vigenti.

Illi s-socjeta’ konvenuta ssostni li t-talba tas-socjeta’ attrici mhix koperta bil-polza u din il-posizzjoni hija bbazaat fuq ir-rapport li sar minn D.G. Curmi & Associates. Infatti skond ir-rapport imhejji dawn isostnu li rrizulta li l-kawza tad-deterjorazzjoni tal-kwalita’ ta’ l-istokk kienet il-livell gholi ta’ umdita’ gewwa l-mahzen, specifikatament fil-hajt tan-naha ta’ wara tal-mahzen, u ghalhekk l-ixkejjer li kienu jmissu ma’ dan il-hajt kienu ddeterjoraw. Skond ir-rapport, l-imsemmi hajt ma kienx inzamm f’kundizzjoni tajba u biz-zmien kien assorba hafna ilma. Il-hsara fl-istokk kienet ikkawzata mill-umdita’, u b’hekk ikkonkludew li din il-hsara

ma setghetx grat f'perjodu ta' zmien qasir. Ir-rapport isostni li l-ixkejjer li nbieghu kienu fuq quddiem tal-garaxx u ghalhekk ma setghux gew effettwati mill-kundizzjoni tal-hajt.

Illi jirrizulta, anki skond ir-rapport tal-*loss adjustors,* li kien hemm dhul ta' l-ilma f'dan il-garaxx. Illi l-konkluzjoni raggunta kienet li l-istess tip ta' hsara ma kenitx koperta taht il-polza ta' l-assikurazzjoni ghaliex l-iktar li jista' jinghad huwa li l-assikurat kien kopert f'kaz ta' *"Bursting or overflowing of water tanks, apparatus or pipes etc"* u f'kaz ta' *"Storm, Tempest or Flood"* u l-hsara ma jirrizultax li grat minhabba wahda minn dawn ir-ragunijiet.

Illi fil-fatt is-socjeta' attrici tallega biss li dahal kwantita' ta' ilma, probabbilment tax-xita, minn mal-hajt ta' wara tal-garaxx. Infatti skond ir-rapport u l-affidavit tal-Perit Franco Montesin li acceda fuq il-post irrizulta li dan l-ingress tal-ilma seta' sehh permezz tax-xita li dahlet minn mal-hajt ta' wara tal-garaxx.

Illi hawn din il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess affidavit ta' l-imsemmi perit u tax-xhieda minnu moghtija, li giet ukoll hawn fuq citata, minn fejn din il-Qorti thoss li jirrizulta b'mod konvincenti li dak li kien il-vera kawza ta' hsara fil-proprjeta' tas-socjeta' attrici koperta b'tali polza, ma kienx wiehed mill-indikati *Insured Perils* (kemm fil-kaz ta' l-immobbli (fol. 10) u kemm fil-kaz ta' mobbli (fol. 14)), tant li dak hemm deskritt ma jistax jinghad li jaqa' taht xi wiehed mir-riskji hemm indikati nkluz dawk li wiehed jista' jikkonsidra bhala l-iktar vicin bhal ma huma *"Storm, Tempest, or Flood"* u *"Bursting or overflowing of water tanks, apparatus or pipes or leakage of water from any automatic sprinkler installation"*

Illi fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li l-atturi bl-ebda mod u qatt ma ppruvaw li sehh wiehed mir-riskji li ghalihom harget din il-polza, anzi mill-provi prodotti jirrizulta li l-hsara setghet giet ikkawzata minhabba li l-katusa tal-fond adjacenti kienet imblukkata u b'hekk setghet ingemghet kwantita' ta' ilma li dahal fil-fond in kwistjoni, anke peress li kien hemm fili fl-istess hajt li kienu mbuzzati u ohrajn

neqsin, tant li l-perit imqabbad mill-atturi fit-2 ta' Ottubru 2001, u ghalhekk sew wara li saret il-*claim* mertu tal-kawza odjerna, issugerixxa li jsiru xoghlijiet riparatorji fuq l-istess, tant li l-istess attur ammetta fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2004 illi kellu jsir xoghol ta' tikhil tal-fili li kienu miftuhin f'dan l-istess hajt.

Illi dan ifisser li dak li l-iktar li jista' jinghad li gie propost mill-atturi kien li din il-hsara saret minhabba l-mod kif inzamm il-fond ta' terzi adjacenti ghal dak ta' l-atturi, u wkoll minhabba nuqqas ta' manutenzjoni *da parte* tal-atturi tal-hajt ta' wara tal-fond *de quo*, zewg perikoli jew riskji li certament li ma humiex koperti mill-polza ta' assikurazzjoni. Dan jinsab ukoll ikkonfermat mill-*Loss Adjuster* li kkonferma li l-kondizzjoni tan-naha ta' barra ta' dan il-hajt ma kienx imkahhal kif suppost u kien hemm postijiet fejn it-tikhil u z-zebgha kienu nqalghu.

Illi din is-sitwazzjoni bl-ebda mod ma tinbidel anke jekk wiehed jirreferi ghar-rapport tal-Espert Tekniku Profs Victor Axiak u dan ghaliex espert tekniku bl-ebda mod ma rrelata dwar l-istat tal-fond *de quo,* inkluz kif dahal l-ilma fl-istess fond fejn kienet stivata l-merkanzija. Fil-fatt l-ezami tieghu kien limitat sabiex jezamina z-zerriegha u jixhed dwar il-karetteristici taghha u jaghmel l-osservazzjonijiet dwar l-istess.

Illi jidher li apparti dan l-istess espert tekniku sosta li kien *"hemm evidenza mit-taghrif migbur mill-Ufficcju Metereologiku ta' Malta, li wara perjodu ta' nixfa matul is-Sajf tas-sena 2000, kien lejn il-bidu ta' Settembru meta ghamlet l-ewwel halba ta' xita qawwija. Ir-ritratti esebiti minn Andre Scerri (Dok. "AS", pagna 125) juru evidenza cara ta' carcir konsiderevoli ta' ilma matul nofs il-hajt ta' wara tal-garaxx. Dan ic-carcir jibda kwazi minn fuq nett tal-hajt".*

*"Mir-ritratti jidher car ukoll, x'kien l-effett immedjat ta' dan ic-carcir u ngress ta' ilma. Waqt li l-ilma kien ghaddej mal-hajt, beda jxarrab dawk l-ixkejjer li kienu jmissu ma' l-istess hajt. Minhabba f'hekk, iz-zerriegha ta' gewwa dawn l-ixkejjer tant xorbot ilma li espandiet, faqet l-ixkejjer (li*

*huma tal-karta sabiex ihallu l-arja tidhol) u nxterdet ghall-isfel mal-art tal-garaxx. Hemm evidenza wkoll li ammonti ta' dawn iz-zerriegha tant espandew, li gew imbuttati ma' wicc il-hajt u baqghu mwahhlin jew inkollati mieghu hekk kif kien ghadu mxarrab. Dan huwa sinjal car li kien dan ic-carcir ta' ilma minn mal-hajt li kkawza dan id-dannu fuq l-ixkejjer ta' wara, u aktar minn hekk, li dan ic-carcir kien ta' ammont sinifikanti u li sar f'temp ta' qasir zmien".*

Illi meta din il-Qorti tara l-kumpless tal-provi prodotti thoss li l-kawza prossima tal-hsara kkawzata l-merkanzija tas-socjeta' attrici ma kenitx rizultat ta' xi tempesta jew perikolu iehor koperta taht l-istess polza u dan ghaliex mill-provi prodotti jidher li l-kawza prossima tal-perkolazzjoni ta' ilma fil-fond indikat kienet dik imsemmija mill-perit tekniku mqabbad mill-atturi stess u cjoe' l-imblokk tal-katusa ta' terzi u wkoll in-nuqqas ta' manutenzjoni tal-hajt tal-fond *de quo* mill-atturi. Dan wassal sabiex kwantita' ta' ilma dahlet fil-fond in kwistjoni, izda dan ma kienx dovut minhabba l-ammont ta' xita, izda peress li kien hemm dawn in-nuqqasijiet fil-fond tal-atturi u dak tal-proprjeta' adjacenti, b'dan ghalhekk li din il-Qorti hija konvinta li l-kawza prossima ta' l-incident ma kenitx xi maltempata izda minhabba li l-fond fejn l-istess xkejjer kienu qed jinzammu kien fi stat tali li ppermetta l-perkolazzjoni ta' ilma. Ir-rapport ta' l-espert tekniku bl-ebda mod ma dahal sabiex jezamina ghaliex dahal l-ilma f'dan l-istess fond u lanqas hemm xi forma ta' konkluzjoni li l-hsara sehhet minhabba xi maltempata.

Illi huwa veru li fir-rapport tal-perit tekniku dan jaghmel riferenza ghal dak li huwa sejjah bhala maltempata li saret fit-terminu relattiv, u dan almenu skond il-grafika minnu ndikata fl-istess rapport, izda din il-Qorti thoss li xorta wahda ma giex ippruvat li sehhew *"storm, tempest or flood",* b'mod li l-istess jinghad li xi wahda minn dawn l-avvenimenti kienu l-kawza tal-hsara kkawzata lill-merkanzija, tant li l-istess atturi stess qatt ma rreferew ghal xi fatt definittiv dwar dan; jigi wkoll indikat li tali termini jindikaw *"notions of the abnormal",* (**John Birds – Modern Insurance Law** – page 206), li f'din il-kawza ma gewx ippruvati. F'dan il-kuntest huwa sintomatiku li l-

istess atturi rrapurtaw il-*claim* biss ghaliex klijent taghhom, li qatt ma gie identifikat u lanqas prodott bhala xhud, kien gab l-ixkejjer tal-qanneb lura ghaliex kienu mmuffati, u fil-fatt l-atturi qatt ma ndikaw bl-ebda mod li dawn il-hsarat gew ikkawzati minn xi maltempata tali li hija koperta taht l-istess polza; anzi din il-Qorti thoss li gie ppruvat kien li l-perkolazzjoni ta' ilma saret minhabba difetti fil-hajt tal-fond mertu tal-kawza odjerna u minhabba l-istat hazin li nzamm il-fond adjacenti li kien qed izomm ilma, tali fond proprjeta' ta' terzi li wkoll ma gewx prodotti f'din il-kawza.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-atturi naqsu li jippruvaw dak li kien l-oneru taghhom li jaghmlu u dan kif indikat fil-kawza fl-ismijiet **"Robert Pace vs GasanMamo Insurance Agency Limited noe"** (P.A. (JRM) – 28 ta' Lulju 2004 - Cit Nru: 189/99/JRM) fejn intqal:-

*"Huwa mghallem li 'it is not sufficient in order that an insured should recover for a loss, that the loss falls within the cover provided as a matter of construction or definition. He must also show that the loss was proximately caused by an insured peril. The proximate cause does not, however, mean the last cause, but the effective or dominant or real cause. Working out what is the proximate cause in any situation is strictly a question of fact….(John Birds, Modern Insurance Law (2nd Edit), pa.185)".*

*"Illi, fit-tiftix ghall-kawza tal-hsara mgarrba minn persuna assikurata, mhux dejjem ikun car jekk il-polza ta' assikurazzjoni kinitx ghadha torbot lill-istess assikurat. F'dak il-qasam tad-dritt assikurattiv li huwa maghruf bhala d-Duttrina tal-Prossimita', tapplika fuq kollox il-massima li in jure non remota causa sed proxima spectatur (Ara, per ezempju, Everett vs London Assurance (1865) 19 C.B.N.S. 126). Fi kliem iehor, biex wiehed iqis jekk hsara mgarrba minn persuna assikurata kinitx jew le mharsa b'polza ta' assikurazzjoni, wiehed ghandu jhares lejn x'kienet il-kawza immedjata li wasslet ghall-hsara mgarrba. Kif inghad b'awtorita' f'dan ir-rigward, il-prossimita' ma tissarrafx f'dak li sehh fl-ahhar qabel sehhet il-hsara, imma f'dak li kien tassew il-kawza tal-*

*hsara. Il-kejl ta' qies hu li l-kawza tal-hsara mgarrba kienet 'proximate in efficiency' (Ara Leyland Shipping Co Ltd vs Norwich Union Fire Insurance Society Ltd (1918) A.C. 350");*

*Illi tali principju ta' kawzalita' jrid jinftiehem b'mod li jirrifletti t-termini tal-polza ta' assikurazzjoni, imma m'ghandux iwarrab it-tiftix tal-kawza vera li tkun wasslet ghall-hsara mgarrba. Kif gie mghallem u stabbilit f'dan ir-rigward b'awtorita' konsistenti, 'the doctrine of proximate cause, which is common to all branches of insurances based upon the presumed intention of the parties as expressed in the contract into which they have entered. But it must be applied with good sense, so as to give effect to, and not to defeat, that intention. Its application, therefore, depends upon the broad principle that the policy was intended to cover any loss which can fairly be attributed to the operation of the peril, rather than upon drawing nice distinctions between varieties of phrases used in particular policies to explain the causation of the loss (E.R. Hardy Ivamy <u>General Principles of Insurance Law</u> (4th Edit.1979), Chap.38, pp.405-6);*

*Illi jaf ikun hemm cirkostanza fejn wiehed ma jistax ighid b'certezza jekk hsara mgarrba kinitx il-konsegwenza ta' aktar minn kawza wahda. Jista' jkun ukoll il-kaz fejn il-hsara tkun fil-fatt ir-rizultat ta' aktar minn kawza wahda li jsehh u flimkien u li mhux kollha huma kontingenzi mharsin mill-polza. Jigifieri, tista' ssehh hsara li tkun ikkawzata minn periklu kopert fil-polza ta' assikurazzjoni u wkoll minn riskju li jkun eskluz mill-polza ('excepted risk'). F'kaz bhal dan, il-fehma hi li 'where the loss is caused by the action of two concurrent and independent causes, one of which is the peril insured against and the other an excepted cause, the loss is not within the policy, since it may be accurately described as caused by the excepted cause, and it is immaterial that it may be described in another way which would not bring it within the exception' (E.R. Hardy Ivamy, ibid. p.418)".*

Illi fil-kaz in kwistjoni din il-Qorti thoss li l-atturi bl-ebda mod ma ppruvaw li l-hsara li sehhet giet ikkawzata minn

riskji jew perikolu koperti fl-istess polza, u dan meta din il-Qorti thoss li l-kliem uzat fl-istess polza huwa car u jirreferi ghall- eventwalitajiet li huma ta' natura mhux normali u li fil-kazi ta' *storm, tempest u flood* citati mis-socjeta' konvenuta huma ndipendenti mill-agir ta' l-istess atturi jew anke ta' terzi persuni, b'dan li din il-Qorti thoss li l-atturi ma ppruvawx li l-hsara li sehhet fil-merkanzija taghhom kienet rizultat ta' kawza prossima konsistenti f'perikolu assigurat, u fil-fatt l-atturi qatt ma ndikaw xi ncident partikolari cert u identifikkabbli u dan huwa ssostanzjat anke bil-mod kif inholoq dan il-kaz u eventwali *claim* mertu tal-kawza odjerna u hawn dan il-kaz jiddistingwi ruhu minn dak li rrizulta fil-kaz **"Mark Gafferena vs Melita' Insurance Brokers Limted"** (P.A. (GCD) – 10 ta' Gunju 2003).

Illi din il-Qorti thoss li anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument jigi koncess li skond ir-rapport ta' l-espert tekniku wiehed jista' jghid li sehhet xi maltempata fil-kuntest tas-sinifikat tal-polza f'xi zmien waqt li kienet qed topera l-istess polza, (apparti li ma hemm l-ebda prova li kienet din il-maltempata li kkawzat il-hsara in kwistjoni), jinghad li din il-Qorti thoss li l-kumpless tal-provi jindikaw li dak li verament ikkawza l-hsara lill-merkanzija tas-socjeta' attrici ma kenitx il-maltempata *ut sic* izda l-fatt li l-hajt imsemmi ta' l-istess fond fejn kienet qed tinzamm l-istess kien fi stat hazin li ppermetta l-perkolazzjoni ta' l-ilma, u dan flimkien ma' l-istat tal-proprjeta' adjacenti ta' terzi (kif jidher mir-ritratti esebiti) li ppermetta li tingabar kwantita' ta' ilma wkoll minhabba kanna mizduda, u dan wassal li minhabba dawn id-difetti fil-hajt ta' wara tal-fond *de quo*, jippermetti ngress ta' ilma fil-post fejn kienet stivata l-istess merkanzija, u dan kollu kien ukoll konstatat mill-perit inkarigat mill-atturi stess li rrakomanda li jsiru xoghlijiet sabiex tali difetti fl-istess hajt jigu rrangati mill-ewwel, kif fil-fatt l-atturi ammettew li ghamlu.

Illi dan huwa wkoll ikkorroborat bil-mod kif l-istess attur innifsu ddeskriva mas-socjeta' assikurattrici precedenti li l-kawza tad-danni sofferti kienet *"rainwater entering from the roof of the adjoining third party premises"* u dan kif jirrizulta mill-korrispondenza relattiva datata 15 ta' Jannar

2001 (Dok. "FEN3 – fol. 64) wara ittra relattiva tal-attur datata 19 ta' Dicembru 2002. B'hekk jirrizulta li l-atturi stess attribwew il-kawza tal-hsara sofferta minnhom ghal tali nuqqasijiet fil-proprjeta' ta' terzi u mhux ghal dak minnhom indikat fl-azzjoni odjerna.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha s-socjeta' attrici tidher li taghti mportanza lil fatt li qabel ma harget l-polza ta' assigurazzjoni, s-socjeta' assikurattrici baghtet rappresentant sabiex jaghmel *site inspection,* izda din il-Qorti thoss li dan ma jnaqqas xejn mill-obbligazzjonijiet ta' l-assigurat li jinforma lis-socjeta' assikurattrici bl-istat attwali ta' l-istess fond, u wkoll mill-interess ta' l-istess atturi li jzommu l-proprjeta' taghhom fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, u dan indipendentement mill-konsiderazzjoni li dan ma jibdel xejn mill-fatt li tali ezami jew nuqqas tieghu bl-ebda mod ma biddel il-perikoli koperti taht l-istess, u dan fis-sens li sabiex is-socjeta' attrici tigi indemminizzata kien mehtieg li l-hsara tigi kkawzata direttament minn wiehed minn tali perikoli assikurati, haga li f'dawn l-atti qatt ma giet ippruvata.

Illi anzi jidher li dak li gie ppruvat kien in-nuqqas ta' manutenzjoni ta' l-istess fond, u wkoll il-fatt li tali fond ma kienx idoneju sabiex l-istess merkanzija tinzamm fi stat tajjeb, izda dan certament ma jfissirx li l-kondizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni gew b'xi mod mibdula jew varjati minn dak li jirrizulta in iskritt.

Illi din il-Qorti thoss li a bazi tal-premess it-tielet eccezzjoni ghandha tigi milqugha u b'hekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li r-rapport ta' l-espert inkarigat mill-Qorti ma jbiddel xejn minn dan ghaliex l-istess rapport ikkonstata biss li:-

a) Ma kienx hemm sinjali li din iz-zerriegha kienet hazina hekk kif waslet Malta.

b) Il-kundizzjonijiet fil-garaxx ma kienux idejali ghall-hazna ta' din il-kwalita' ta' zerriegha.

c) Fl-istess waqt jidher car ukoll li minkejja dawn il-kundizzjonijiet ta' kwalita' marginali, ma kienx hemm hjiel li din iz-zerriegha hzienet matul il-perjodu li jwassal sa qabel Awissu 2000, jigifieri sa qabel sehh l-incident in kwistjoni u dan ghar-ragunijiet hemm indikati, u dan peress li dawn il-konstatazzjonijiet *se mai* jista' jinghad li jindikaw li l-hsara "setghet" saret fil-perjodu opperattiv tal-polza ta' assigurazzjoni, u b'hekk l-iktar u l-iktar tista' twassal sabiex tigi michuda r-raba' eccezzjoni, izda bla dubju din bl-ebda mod ma taffettwa t-tielet eccezzjoni. Jinghad a propositu li xorta wahda f'dan il-kuntest ma hemm ebda prova meta xxarrab l-istess hajt minn fejn dahal l-ilma.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel, it-tieni u r-raba' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, izda tilqa' t-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta fis-sens hawn deciz, u konsegwentement tilqa' l-hames u s-sitt eccezzjoni taghha, u ghalhekk **tichad it-talbiet attrici peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.**

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------